A.L. 327 ta' l-2006

ATT DWAR POTERI LI JSIRU REGOLAMENTI FL-INTERESS NAZZJONALI (KAP. 365)

Regolamenti ta' l-2006 dwar Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 dwar Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet.

Bord ta' Sorveljanza, kompożizzjoni u funzjonijiet.

2. (1) Qiegħed jitwaqqaf Bord ta' Sorveljanza li jkollu l-għamla u l-funzjonijiet stabbiliti b'dan ir-regolament.

(2) Il-Bord ta' Sorveljanza jrid ikun magħmul minn rappreżentant tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin li jkun *Chairman*, l-Avukat Ġenerali jew ir-rappreżentant tiegħu, rappreżentant ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, rappreżentant mill-Ministeru responsabbli għall-affarijiet interni, rappreżentant tal-Ministeru responsabbli għall-finanzi, rappreżentant tal-Ministeru responsabbli għas-servizzi ta' kummerċ, rappreżentant tad-Dipartiment tad-Dwana, rappreżentant tal-Bank Ċentral ta' Malta u rappreżentant ta' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

(3) Il-Bord ta' Sorveljanza jkollu l-funzjoni li jissorvelja t-tħaddim ta' regolamenti magħmulin bis-saħħa ta' l-Att skond dawk id-direttivi kif provdut taħt l-artikolu 3 subartikoli (1), (3), (5), (6), (7) u (8) ta' l-Att bil-għan li t-twettiq ta' dawk id-direttivi jkun konformi mat-twettiq li jsir minn Stati oħra li jkunu qegħdin iġibu fis-seħħ is-sanzjonijiet relattivi għall-istess regolamenti.

(4) Il-Bord ta' Sorveljanza għandu fi tmiem kull sena jew iktar qabel jekk ikun hekk meħtieġ, jagħmel rapport dwar l-attivitajiet tiegħu lill-Prim Ministru.

Liberazzjoni negattiva.

3. Persuna tista' titlob lill-Bord ta' Sorveljanza li jagħti deċiżjoni dwar jekk xi azzjoni li tkun bi ħsiebha tagħmel dik il-persuna hijiex

projbita minn xi regolament partikolari maħruġ bis-saħħa ta' l-Att, u persuna ma jkollha ebda responsabbilità taħt dawk ir-regolamenti meta dik il-persuna tkun aġixxiet b'mod konformi ma' deċiżjoni simili.

Eżenzjoni minn responsabbiltà.

4. Ebda responsabbilità, sew kriminali sew ċivili, ma għandha tinkombi fuq xi membru tal-Bord ta' Sorveljanza għal xi azzjoni li ssir *bona fede* minn membru ta' dak il-Bord.

Segretezza.

5. Il-membri tal-Bord ta' Sorveljanza għandhom iqisu kull kwistjoni li huma jsiru jafu biha f'xi talba li ssir bis-saħħa tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, bħala li tkun sigrieta u kunfidenzjali, u ma għandhomx f'rapport li jsir skond il-paragrafu (4) tar-regolament 2, jiżvelaw l-ismijiet jew partikolarijiet oħra ta' identità li huma jistgħu jkunu jafu bihom f'dak li għandu x'jaqsam ma' talba għal-liberazzjoni negattiva li ssir skond ir-regolament 3.

Ihassar A.L. 187 ta' l-2000.

6. Ir-Regolamenti ta' l-2000 dwar Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet, huma b'dan imħassrin.